XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA*
*LAQGĦA MILL-BIDU TAL-KUNSILL: NRU 433*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 61*
*L-Erbgħa 30 ta' Novembru, 2011 fis-6:00pm*

*Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6:00pm*

*Preżenti:*

*Dr Monica Vella – Sindku*

*Mr Joseph Vella – Viċi Sindku*

*Mr. Hubert Saliba – Kunsillier*

*Mr Teddy Mizzi -- Kunsillier*

---------------------------------------------------------

*Skuzata:*

*Dr Marthese Portelli --- Kunsilliera*

*Uffiċjali:*

*Mr. Carmel Grima – Aġent Segretarju Eżekuttiv*

*Intqalet it-Talba.*

1. **Approvazzjoni tal-Minuti preċedenti**

   Inqraw il-minuti tal-laqgħa tas-26 ta' Ottubru, 2011 u ġew approvati.

2. **Trasport Pubbliku**

   Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li qed ikun hemm ħafna lmenti dwar ir-rotta tat-Trasport Pubbliku. Il-Kunsill ordna lis-segretarju biex jikteb lil Transport Malta u jgħidilhom li l-Kunsill qed jesiġi li r-rotta ta' qabel ir-riforma għandha terġa' tkun osservata.

3. **Mera mal-post antik tal-Familja Grima fi Triq il-Ħamrija.**

4. John Spiteri talab biex titwaħħal mera ma' dan il-post biex it-traffiku li jkun ġej min naħa tal-Iskola ikun jidher minn min ikun ħiereġ minn Triq Canga. Il-Kunsill innota li diġa hemm mera fis-Central Strip u jekk titwaħħal mera oħra tista' tkun ta' tfixkil minflok ta' għajnuna. Il-Kunsill għalhekk ma approvax din il-proposta. Il-Kunsill ukoll ordna lis-segretarju biex jikteb lill-Ministeru għal Għawdex biex ir-rakkomandazzjoni globali għal din l-area jiġi attwat mil-Gvern Ċentrali billi hemmhekk hija Triq Arterjali.

5. **Triq ta' quddiem il-Maġistrat**

Is-Segretarju informa lill-Kunsill li din it-triq jinħtiġilha tiswija. Hubert Saliba qal li din tranġat dan l-aħħar u għalhekk l-ilment għandu jitwarrab.

6. **Bozza biex tiġi spustjata**

7. Lawrence Zammit Haber talab biex lampa mal-post tiegħu fi Triq Torri Tingi tiġi spustjata billi qed issir ħsara fil-bini tiegħu. Il-Kunsill għandu jagħmel spezzjoni u jirraporta għal laqgħa oħra.

8. **Triq ta' quddiem il-President ta' Malta**

9. George Zammit (ex-kunsillier) talab biex din it-triq titranġa billi tinsab fi stat ta' manutenzjoni ħazin. Il-Kunsill ħatar lil Teddie Mizzi biex jagħmel spezzjoni u jirraporta lill-Kunsill.

10. **Infurzar għal tlugħ fuq il-Bankina fi Triq Sant'Elizabbetta**

11. Roderick Mercieca rraporta li qed ikun hemm vetturi pparkjati fuq il-Bankina in kwistjoni. Hu talab li ssir xi ħaġa. Il-Kunsill iddiskuta din il-problema izda ma jistax jagħti soluzzjoni ħlief li jsir infurzar tal-Liġi.

12. **Qtugħ ta' Friegħi tal-Palm**

13. Carmel azzopardi ta 65 Triq il-Ħamrija (Tel 21554465) talab biex ikun jista' jaqta' friegħi tal-Palm minn Ġnien il-Ħaddiem. Il-Kunsill nnota li dan il-qtugħ irid isir fuq proċeduri stabbiliti mid-Dipartiment tal-Agrikultura u għalhekk l-aħjar ħaġa tkun li nieħdu l-parir minn dan id-Diaprtiment.

14. **Mera fi Triq L-Indipendenza faċċata ta' Triq ir-rotunda.**

Marcel Farrugia talab biex titwaħħal din il-mera biex it-traffiku li jkun niezel mill-Pjazza jkun jidher minn Triq ir-Rotunda. Il-Kunsill ordna lis-segretarju biex jikteb lil Transport Malta għal aktar struzzjonijiet.

15. **Talba għal materjal ta' bankina.**

John Bonnici (Tel99205893) talab il-madum u kurduna għall-bankina tiegħu fi Triq ir-Rotunda. Hu qal li x-xogħol jagħmlu hu. Il-Kunsill approva dan il-materjal.

16. **Patching**

Il-Kunsill intalab li jsir xogħol ta' patching f'diversi toroq fosthom Triq il-Knisja, Triq San Publiju u triq ir-Rotunda. Il-Kunsill għandu jara fejn hemm l-aktar bzonn u jieħu azzjoni.

17. **Triq tal-Kus.**

Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni fuq l-istat ħazin ta' din it-triq. Il-Kunsill ħatar lis-Segretarju biex jagħmel spezzjoni u jirraporta lill-Kunsill.

18. **Skart ta' Plastic**

Joe Grech Triq San Anard talab biex jitnaddaf plastic mormi quddiem il-post tiegħu. Hu talab li titwaħħal tabella biex ma jintremiex skart f'dawk l-inħawi. Il-Kunsill għandu jordna li dan l-iskart jitneħħa u titwaħħal tabella f'dan is-sens.

19. **Pedestrian Area f'parti minn Triq il-Ħamrija.**

Francis Saliba u ħutu talbu permezz ta' ittra biex il-parti ta' Triq il-Ħamrija minn naħa ta' Triq l-Indipendenza sa Triq il-Mitħna tiġi Pedestrian Area. Dan għaliex qed

jgħaddu vetturi tqal u t-triq hi dejqa ħafna. Il-Kunsill ddiskuta din il-materja u deherlu li għandna nitolbu lil Transport Malta biex Trakkijiet ma jitħallewx jgħaddu. Il-Kunsill kellu talbiet oħra simili u ma għaddewx. Barra minn hekk din hi triq arterjali u għalhekk ma tistax tiġi pedestrian area.

**20. Ħaddiema assenjati mal-Kunsill.**

Is-Sindlu qalet li ddispjaċiha li nhar is-Sibt Jum ix-Xewkija l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill ma ġewx biex jagħtu daqqa t'id. Hi qalet li jekk jibqgħu iġibu ruħhom b'din il-manjiera niktbu lid-Direttur li ma għadx baqagħlna bzonnhom.

**21. Ringrazzjament lill-Banda Prekursur**

Il-Kunsill qed juri l-apprezzament tas-sehem tal-Banda Prekursur f'Jum ix-Xewkija. Il-Kunsill għandu jibgħat ittra ta' ringrazzjament lill-President u l-Kumitat ta' din is-Soċjeta.

**22. Triq biswit Triq Imġarr ix-Xini**

Il-Kunsill inġibditlu l-attenzjoni għall-istat ta' manutenzjoni ta' din it-triq. Teddy Mizzi għandu jagħmel spezzjoni u jirraporta lill-Kunsill

**23. Bus Stop fi Triq L-Imġarr**

Paul Saliba (Missier il-Kunsillier Hubert Saliba) talab li titpoġġa Bus Stop fil-Bus Shelter fi Triq L-Imġarr. Il-Kunsill approva din it-talba u s-Segretarju għandu jikteb lil Transport Malta biex titwaħħal din it-tabella.

**24. Double Yellow Lines fi Triq 27 ta' Nov 1678**

Maurice Hili talab biex isiru Double Yellow Lines faċċata tad-dar tiegħu biex ikun jista' joħroġ il-vettura tiegħu u fl-istess ħin talab biex jitneħħew il-yellow lines ta' quddiem il-bieb tiegħu. Il-Kunsill għandu jagħmel applikazzjoni u naraw x'jirrizulta.

**25. Ikla tal-Milied għall-Anzjani**

Il-Kunsill iddikjara li d-data għal din l-ikla tkun it-23 ta' Diċembru

**26. Party għat-Tfal**

Il-Kunsill iddikjara li l-Party tal-Milied ikun nhar is-26 ta' Diċembru

**27. Approvazzjoni ta' ħlasijiet**

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti.

**28. Tmiem il-Laqgħa**

Il-Laqgħa ntemmet fid-9:45 u l-Kunsill aġġorna għal nhar l-Erbgħa 21 ta' Diċembru, 2011

| | |
|---|---|
| Carmelo Grima | Dr Monica Vella |
| Aġent Segretrju Ezekuttiv | Sindku |